MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 383/2005

**Baxter Limited – C3275**

**Vs**

**Charlot Caruana**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) rapprezentanti rifuzjoni ta' somma flus mislufa lill-konvenut mis-socjeta' attrici kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-atti a fol 2 u mmarkat Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-22 ta' Frar 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2000 bl-imghax legali mit-22 ta' Gunju 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------